

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ethniko Kentro Erevnas kai Technologikis Anaptyxis (EKETA) hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 151, 15.5.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2019 – Pear Technologies vs EUIPO – Apple (PEAR)**

(Kawża T-215/17) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea PEAR — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti li tirrappreżenta tuffieħa — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”)*

(2019/C 103/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Pear Technologies Ltd (Macao, iċ-Ċina) (rappreżentanti: J. Coldham, solicitor, u E. Himsworth, QC)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Fischer u H. O'Neill, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Apple Inc. (Cupertino, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Olsen u P. Andreottola, solicitors, u G. Tritton, barrister)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Jannar 2017 (Każ R 860/2016-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Apple u Pear Technologies.

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tat-18 ta' Jannar 2017 (Każ R 860/2016-5) hija annullata.
- 2) L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll nofs dawk esposti minn Pear Technologies Ltd.
- 3) Apple Inc. għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll nofs dawk esposti minn Pear Technologies.

<sup>(1)</sup> ĠU C 168, 29.5.2017.